MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 578/2002/1

Kawza fil-lista: 25

**A B, f' isimha proprju,**
**kif ukoll bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri C B,**
**liema kurazija giet sussegwentement revokata bid-digriet tal-14 ta' April 2004**
**vs**
**D B,**
**u l-Avukatessa Dottor Anna Mallia**
**kjamata fil-kawza bhala kuratrici tal-minuri C B**
**bid-digriet fuq indikat**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettit: illi l-partijiet izzewgu civilment fit-12 ta' Novembru 1996; illi minn dan iz-zwieg twieled t-tifel minuri C [fl-10 ta' April 1997]; illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser

irrimedjabbilment minhabba ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16, inkluza l-inkompatibilita’ ta’ karattru; illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jipprocedu ghal din il-kawza b’ digriet moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Novembru 1999, sussegwentement prorogat; l-istess attrici talbet li din il-Qorti, wara li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet fuq premessi, u b’ tort tal-konvenut: [1] tafda l-kura u kustodja tal-minuri C f’ idejn l-attrici; [2] tikkundanna lill-konvenut jhallas manteniment lill-attrici, ghaliha u ghat-tifel minuri; [3] tiddikjara d-dekadenza tal-konvenut fit-termini ta’ l-artikolu 48[1][d]; [4] tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u l-assenjazzjoni taghha, kif ukoll jigu dikjarat l-oggettti, mobbli u mmobbli, li huma proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici; [5] tiddikjara d-dekadenza tal-konvenut fit-termini ta’ l-artikolu 48 fl-intier tieghu; bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut: cahad dak imputat lilu mill-attrici, u sostna li kien il-komportament ta’l-istess attrici li gab dizwid u problemi fil-familja; illi huwa m’ ghandux l-obbligu li jmantni lill-attrici, izda biss lit-tifel minuri, u skond il-mezzi li ghandu; illi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti ma hemmx assi, u ghalhekk ma hemmx lok ghal ebda dekadenza; illi hu “assolutament ma jaqbilx illi l-attrici ghandha jkollha l-kura u kustodja tat-tifel minuri minhabba l-agir negattiv taghha li trid tpatti u ccahhad lill-minuri minn missieru.”[1];

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-kjamata fil-kawza l-Avukatessa Dottor Anna Mallia, in rapprezentanza tat-tifel minuri C, eccepiet: illi t-tifel jaqbel li l-missier ghandu jkollu access adegwat, b’ obbligu li ma jsifirx lill-minuri minghajr il-kunsens ta’ l-attrici, u wkoll li l-access ikun taht supervizjoni “ghaliex ghadu sa llum ma jafdax lill-konvenut u ma jixtieqx li jkun mieghu wahdu ghaliex jibza li jerga’ jsiefru mieghu kif diga’ ghamel.”;

Rat ir-rapporti tal-Haddiema Socjali nominati;

---

[1] Fol.171

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea;[2]

Rat ir-rapport ta' l-Avukat tat-tfal prezentat fis-6 ta' Ottubru 2009;[3]

Rat il-verbal maghmul registrat fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2010, li permezz tieghu d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-unika vertenza li fadal f' din il-kawa tirrigwarda l-access tal-minuri; filwaqt li "jaqblu li proprjeta' tal-komunjoni ma hemmx, u l-manteniment ta' €160 fix-xahar qieghed jithallas u ma hemmx problemi f' dan ir-rigward."[4]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, minhabba li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b' tort uniku tal-konvenut, fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni, senjatament dawk relattivi ghall-kura u kustodja tal-minuri u ghal manteniment;

Il-konvenut minn naha tieghu jichad dak attribwit lilu, u jattribwixxi t-tkissir taz-zwieg lill-attrici; kif ukoll jitlob li l-kura u kustodja tal-minuri ma tigix fdata lill-attrici;

L-Avukatessa Dottor Anna Mallia, ghan-nom tal-minuri qed titlob li, filwaqt li l-kura u kustodja tigi fdata f' idejn l-attrici, il-missier ikollu access adegwat izda b' supervizjoni, u bil-kondizzjoni li ma jsifirx bil-minuri minghajr il-kunsens ta' l-omm.

[2] Vol.2 fols.367 *et seq.*
[3] Vol.3 fols.468 *et seq.*
[4] Vol.3 fol. 481

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, izzewget lill-konvenut, cittadin Algerin, fit-12 ta’ Novembru 1996, wara u peress li din kienet harget tqila minnu. Minn dan iz-zwieg twieled it-tifel C fl-10 ta’ April 1997.

Illi fil-5 ta’ April 2005 iz-zwieg gie annullat permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti.

Illi permess ta’ digriet provvizorju moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili, sussegwentement emendat, l-kura u kustodja tal-minuri giet fdata pendente lite lill-attrici, bid-dritt t’ access favur il-konvenut kull nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Hamis bejn is-2.00 pm u s-6.00 pm, u mill-Gimgha 2.00 pm sas-Sibt 6.00 pm.

Fit-3 ta’ Awwissu, il-konvenut, bhas-soltu kien ha lil ibnu ghall-finijiet ta’ l-access, izda naqas li jirritornah lill-attrici, u sad-9 ta’ Awwissu din ma kinitx taf x’sar mit-tifel, ghax la t-tifel u lanqas missieru ma setghu jinstabu. Eventwalment irrizulta li l-konvenut kien hareg minn Malta bit-tfel, minkejja li kien hemm fis-sehh mandat ta’ inibizzjoni sabiex l-imsemmi minuri ma jinharigx minn Malta; u, wara diversi gimghat fl-Algerija mat-tifel, il-konvenut baghtu lura wahdu Malta, u, wara, nizel Malta l-konvenut ukoll.

Illi rizultat ta’ dan il-komportament abuziv da parti tal-konvenut, din il-Qorti, wara li kienet cahditlu l-access ghal certu zmien, ordnat li l-access favur il-konvenut ikun b’ supervizjoni, u fil-prezent, il-modalita’ ta’ l-access huwa kull nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Hamis mit-3.00 pm sal-5.00 pm taht supervizjoni.

Illi jirrizulta wkoll, fil-frattemp, li, permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali] fl-24 ta’ Ottubru 2006, il-konvenut, fuq ammissjoni, kien instab hati tar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minuri, konsistenti f’ kongungiment karnali ma’ minuri konsenzjenti ta’ hmistax-il sena, u kien gie kkundannat ghal piena ta’ sena prigunerija; gie ukoll estiz it-terminu tas-sentenza sospiza moghtija fit-22 ta’ Marzu 2005.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-rapport tieghu, taddottahom – salv dak li ser jinghad aktar il quddiem.

*Kura u Kustodja*
Illi rigward il-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri, li llum ghandu tnax [12] – il sena, il-Qorti hi tal-fehema li, nonostante li r-relazzjoni bejn il-minuri u missieru llum tjebet hafna, kif jirrizulta mix-xhieda tas-supervisor koncernata, Rita Bonnett.[5], izda mhuwiex fl-interess tal-minuri li, l-access isir minghajr supervizjoni kif qed jitlob il-konvenut, kemm minhabba l-fatt li f' okkazzjoni precedenti huwa abuzivament kien hareg bit-tifel minn Malta, kif ukoll minhabba n-natura tar-reat li tieghu hu kien instab hati, fuq ammissjoni tieghu stess, mill-Qorti tal-Magistrati.

Fil-fehema tal-Qorti dawn il-fatturi jirrendu lill-konvenut persuna naffidabbli sabiex jerga' jinghata access minghajr supervizjoni. Inoltre, hija x-xewqa espressa tal-minuri li, ghalkemm dana jidher kuntent bis-sitwazzjoni prezenti ta' l-access, huwa ma jridx jara lil missieru mignhajr il-prezenza ta' supervizor, u dan minhabba l- esperjenza trawmatika li ghaddieh minnha missieru meta kien mar ghalih l-iskola, u qabad u hadu l-Algerija fejn il-minuri jghid li kien ihossu mdejjaq hafna.[6]

Illi in fine tordna li hadd mill-partijiet m' ghandu jesponi lil minuri ghall-presenza ta' terzi persuni mhux parentati mal-partijiet.

*Manteniment*
Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-kontenut tal-paragrafi minn 185 sa 189 tar-rapport pagni 58 u 59 li qed jigu annessi mar-rapport odjern sabiex jifformaw parti ntegrali mill-istess [Appendici A][7], salv ghall-quantum tal-manteniment dovut mill-konvenut ghat-tifel.

---

[5] Vol.3 fols.482 *et seq.*
[6] Vol.3 fol.468 - Rapport ta' l-Avukat tat-Tfal.
[7] Vol.3 fols.424 u 425

Konformament il-konvenut huwa ordnat li jhallas lill-attrici kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri C is-somma ta' **€163** [Lm70], liema ammont jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja; u li dan l-ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut; u konformament l-attrici qeda permezz ta' dan il-gudizzju tinghata l-awtorizzazzjoni li totjeni l-informazzjoni necessarja minghand il-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig jew mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, skond il-kaz.

Il-konvenut ghandu wkoll jhallas nofs l-ispejjez relatati ma' l-edukazzjoni u sahha tal-minuri kontra l-fatturi jew ricevuti relattivi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghas-separazzjoni personali, u tal-hames [5] talba, stante li z-zwieg gie annullat fil-mori;

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri C lill-attrici ommu; bid-dritt ta' access favur il-missier kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha mit-3.00 pm sal.5.00 pm, liema access ikun dejjem taht is-supervizjoni kontinwu ta' persuni addetti ma' l-Agenzija Appogg, izda li jista' jsir barra l-bini ta' l-Agenzija, u dan a spejjez tal-konvenut.

Il-Qorti tawtorizza tibdil fil-granet u hinijiet ta' l-access skond l-ezigenzi tal-minuri, taht id-direzzjoni ta' Haddiema Socjali addetta ma' l-istess Agenzija, basta li l-hin ta' l-access jibqa' dejjem dak ta' mhux anqas minn saghtejn kull darba.

[2] tilqa' t-tieni talba, limitatament, u kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment'; filwaqt li tichad it-talba ghall-kumplament;

[3] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba, stante dak fuq deciz;

[4] tilqa’ ir-raba talba limitatament billi tiddikjara x-xoljiment tal-Komunjoni ta’ l-akkwisti mill-5 ta’ April 2005; u tichad il-kumplament tat-talba stante li ma hemmx assi x’ jigu likwidati u assenjati; u stante wkoll li l-attrici ma resqitx provi dwar proprjeta’ parafernali taghha;

L-ispejjez jigu sopportati, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] jibqa’ a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------